**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**3/18**

**Minuti tat-tielet (3) laqgħa tat-tmintax–il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Hamis, 19 ta' Jannar 2012.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzati:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bagħat ittre) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre) |
| **Assenti:** | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier<br>(ma infurmax li mhux ser jattendi) |

**AĠENDA :** Deċiżjoni finali dwar it-Toroq tal-PPP

## 1 <u>Talba</u>

1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

## 2 <u>Toroq tal-PPP</u>

2.1 Is-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi spjega ir-rapport tal-Perit Anthony Bezzina u x'qalet l-*Accountant* is-Sinj Romina Ferrante Perici. Il-Kunsill kien qabbad il-Perit Bezzina biex jagħmel survey preċiż kif għandu ikun it-tarmak. Minn kont ta' €275,000 l-ispiża telgħet għal l-istima ta' €519,962.19. Is-Sindku informa l-kunsillieri preżenti kemm ser jiswew it-toroq :

| | |
|---|---|
| Triq l-Msida | € 79, 640.89 |
| Triq Braille | € 57, 093.30 |
| Misraħ il-Barrieri | €239, 646.95 |
| Triq il-Lunzjata | € 77, 256.83 |
| Misraħ Santa Venera | € 66, 324.22 |

2.2 Il-Perit Anthony Bezzina ġibed l-attenzjoni lid-Dipartiment ma jridx lill-Kunsilli jmorru għal-stima ta' 2" tarmak imma, biex jagħmlu t-toroq b'3". Il-ġimgħa ta' qabel inżammet laqgħa mal-Onor. Dott. Chris Said u s-Sindku talab biex il-Gvern jagħeml tajjeb għal Triq Msida u l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-kumplament iżda, l-Onorevoli saħaq li mmorru għal erba' toroq biss għax ma konniex f'pożizzjoni finanzjarja tajba.

2.2 Is-Sindku rrakkomanda li l-Kunsill ikun deċiż "nem con" li l-kumpens tal-MITA (€ 47,000) jmorru fuq il-erba' Toroq tal-PPP. Hu żied jirrakkomanda li l-ħames triq, Misraħ il-Barrieri, tinħadem fl-2013. Ovvju, li biex isir dan kollu l-Kunsill ma seta' jagħmel xejn aktar spejjeż.

2.3 Is-Sindku talab lil Aġent Segretarju Ezekuttiv

a) biex tikkonferma dwar il-"grants" għal ħames toroq;
b) biex tibgħat ittra lil-Kuntrattur tal-PPP;
c) Biex titlob appuntament mal-Kuntrattur biex niffirmaw il-kuntratt tal-PPP bil-preżenza tal-Perit Anthony Bezzina.

2.4 Is-Sindku saħaq fuq l-importanza li Santa Venera jkollu Pjazza denja bħal ta' lokalitajiet oħra. Qam il-punt jekk kienx il-każ li jitneħħew il-postijiet tal-ipparkjar iżda, wara diskussjoni sana l-Kunsill qabel li l-Misraħ ma jkunx kollu bil-pavimentar u li fin-nofs jibqgħu xi postijiet għall-ipparkjar. Il-pavimentar għandu isir bil-madum li jistgħu jitilgħu l-karozzi fuqu biex il-Kunsill jkun jista' jitlob il-flus mill-Urban Improvement Funds (UIF). Jekk il-Perit jgħid li ma tistax issir Misraħ il-Barrieri, ma ssirx u ngħamlu biss l-4 toroq u, l-oħra ssir għal meta jkollna flus għaliha.

2.5 Il-laqgħa intemmet fis 7.10 ta' filgħaxija.

Horace J. Anastasi
Sindku

Louise Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn, 11 ta' Ġunju, 2012.